**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 276 / 2019**

**IL-PULIZIJA**

**[Spettur Joseph Mercieca]**

**-Vs-**

**CHRIST SKOTADIS**

Illum 22 ta' Novembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra CHRIST SKODATIS detentur tal-karta ta' l-identita' nru: 296896 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fil-lejl bejn is-17 u t-18 ta' Jannar, 2017, mill-istabbiliment Bien Venue Confectionery fi Triq Bajada, Zabbar, flimkien ma' certu Shalon Abela:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, mobile phone top-up cards u/jew oggetti ohra, liema serq huma aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, ghad-dannu ta' John Buhagiar u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' w/jew entitajiet ohra; 279 (a) tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar il-15 ta' Lulju, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261 (b) (c), 263, 267, 278 (3) u 280 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti sabet lil CHRIST SKODATIS hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, poggiet lill-istess CHRIST SKODATIS taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, taht il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni moghti kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Rat in-nota tad-denunzja tal-Probation Officer Annabelle Bugeja pprezentata fit-3 ta' Gunju, 2022, fil-konfront ta' Christ Skotadis.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati, tal-15 ta' Settembru, 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u rat l-artikoli 261 (b) (ċ), 263, 267, 278 (3) u 280 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, trattat ma' CHRIST SKOTADIS għar-reat li tiegħu instab ħati fil-15 ta' Lulju, 2019, daqs li kieku għadu kemm gie dikjarat ħati u fil-waqt li kkonfermat is-sejbien ta' htija kif jirrizulta minn dik l-imsemmija sentenza, kkundannatu sittax (16)-il xahar priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat li din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 G tal-Kap. 9, il-Qorti qiegħedet lill-ħati CHRIST SKOTADIS taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti mahtur taht id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan għaz-zmien kollu tal-perijodu operatt iv ta' din is-sentenza, ċioe' tliet (3) snin, bil-ħtieġa illi l-ħati

għandu jaghmel dik il-kura waqt il-perijodu operattiv tal-ordni bil-ghan li jinheles mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabbilita` tieghu taht l-Artikolu 28 B tal-Kap 9 jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu operattiv, kif wkoll l-effetti tal-ordni ta' supervizjoni u l-konsegwenzi tan-nuqqas tal-hati li jikkonforma ruhu ma' din l-ordni.

Il-Qorti ordnat illi kopja ta' din is-sentenza kif ukoll kopja tal-Ordni ta' Superviżjoni jintbagħtu lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole u lir-Reġistratur tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Christ Skotadis minnu pprezentat tas-27 ta' Settembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti sabiex fil-parametri tal-Appell odjern u l-eventwali trattazzjoni finali ghalih, dina l-Qorti tiddikjara nulla u invalida, ineffettiva u mhux enforzabbili s-sentenza appellata ghar-ragunijiet hawn sottomessi mill-Appellanti, tirrevokha formalment u thassarha, u tiddikjara formalment lill-appellanti bhala hieles minn kwalsiasi forma ta` Probation Order u hieles minn kwalsiasi restrizzjonijiet li setghet gabet fuqu s-sentenza tal-15 ta` Lulju, 2019, kif riferuta fis-sentenza hawn appellata.

Illi, jekk ghall-grazzja tal-argument, dina `l wisq Onorabbili Qorti tal-Appell ma taqbilx mat-talba fil-paragrafu precedenti, l-Appellanti Skotadis qed jissottometti talba alternattiva.

TALBA ALTERNATTIVA GHAL DIK PRECEDENTI

Illi bhala talba alternattiva, l-Appellanti qieghed b`kull rispett jitlob illi s-sentenza appellata tal-Qorti Nferjuri kif indikata hawn fuq, ghandha in effetto

tigi revokata minn dina l-Onorabbili Qorti tal-Appelli Kriminali u mibdula skont Artiklu 417 ( 2 ) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, fis-sens illi stante li ma rrizultax beyond reasonabe doubt u in dubio pro reo, ghar-ragunijiet mghotija fir-Rikors tal-Appell odjern, illi -appellanti mhux veru illi naqas li jzomm ruhu f` kuntatt mal-Ufficcju u l-Ufficjal tal-Probation, skont id-direttivi moghtija lilu; kif ukoll illi huwa totalment michud illi l-appellanti naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess Ufficjal tal-Probation u jipprovdi l-kampjuni tal-urina mehtiega sabiex jigi sorveljat il-vizzju tad-droga, u peress illi da parti taghha l-Qorti Nferjuri ma insistitx illi jigu esebiti u pprezentati dokumenti awtentikati, notamenti u rapporti tat-testijiet u tal-esperti biex jiggustifikaw dawna l-allegazzjonijiet totalment infondati mill-Probation Officer nominata, l-Appellanti Skotadis fic-cirkustanzi ghandu bl-iktar mod assolut jigi lliberat mill-effeti u l-implikazzjonijiet kollha tal-Probation Order ghal darb ` ohra imposta fuqu, stante li l-ewwel Probation Order skadit fil-15 ta` Lulju, 2022, kif spjegat.

Tant ghandu umilment x`jisottometti l-Appellanti CHRIST SKOTADIS (mhux SKODATIS kif hemm fir-Rikors tat-3 ta` Gunju, 2022, li baqa` ma giex ikkoregut): K.I. 296896 M ghas-savju gudizzju ta` dina `l wisq Onorabilli Qorti li taghha l-appellanti jibqa` s-serv fedelissimu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi r-Ragunijiet ta` l-Appell huma s-segwenti : -

Hemm b` kollox Sitt Aggravji.

**A. L-EWWEL AGGRAVJU**

( i ) Illi gie vvjolat il-principju fundamentali tal-Ordinament Guridiku nostrana li l-Gustizzja mhux biss trid issir izda tidher li qedha ssir, kif tghallimna ukoll dina l-wisq Onorabbili Qorti tal-Appell Kriminali. Il-Qorti tosserva li f`dana l-kas xehdet biss l-Probation Officer Annabelle Bugeja u hadd iktar, l-istess Annabelle Bugeja li ghamlet ir-Rikors tat-3 ta` Gunju, 2022, fejn ma gewx ipprezentati ebda dokumenti jew rapporti li jiggustifikaw u jiddokumentaw dak li b`qerq kitbet dina l-Probation Officer.

( ii ) Illi l-ewwel Qorti ma nsistitx li jigu pprezentati provi dokumenti awtentikati biex jikkonfermaw dak li b`malizija kitbet dina l-Probation Officer u meta l-Avukat tal-appellanti talab lill-ewwel Qorti biex dana isehh, il-Qorti wegbitu minghajr ma rregistrat xejn, illi dina kienet Probation u dawna l-provi dokumentati ma jsirux fi proceduri bhal dawna.

( iii ) Illi l-appellanti tramite l-konsulent legali tieghu talab in kontro ezami lill-Probation Officer biex tesebixxi d-Dokumenti li jikkonfermaw dak li hija kitbet fir-Rikors taghha u dak li halfet meta ddeponit quddiem l-ewwel Qorti. Illi b`arroganza kbiera, il-Probation Officer wiegbet lill-Avukat Bezzina li `` huma`` ma jghaddux dana t-tgharif lil hadd, allegatament minhabba d-Data Protection!! In effetto kif tista` tikkonstata dina `l wisq Onorabbili Qorti ta` l-Appell, fl-Atti Processwali tal-Appellanti f`dana l-kas ma hemmx ebda forma ta` xi prova dokumentati.

( iv ) Illi lanqas mal-ewwel Qorti b`xi mod insistit li dawna l-provi dokumentati u awtentikati jingabu biex zgur ma jkunx hemm ebda dubju dwar il-

veracita` ta` dak miktub u mtenni mill-Probation Officer. Illi ma hemmx farka verita` fir-ragunijiet li l-Probation Officer tat lill-ewwel Qorti fir-Rikors taghha tat-3 ta` Gunju, 2022: ghalhekk huwa evidenti li *in dubio pro reo,* li ma ngabu ebda provi dokumentati fir-rigward tal-akkuzi li saru b`qerq fil-konfront tal-appellanti u li rrizulta carissimu, bl-iktar mod kategoriku, li l-gustizzja ma dehritx li qedha ssir mal-Appellanti : ghalhekk Christ Skotadis ghandu jigi lliberat minn dina l-Qorti tal-Appell.

**B. IT-TIENI AGGRAVJU**

( a ) Illi fir-Rikors tat-3 ta` Gunju, 2022, li inizja dawna l-proceduri qarrieqa, l-isem tal-akkuzat huwa miktub hazin mill-Probation Officer u fil-Proceduri tal-Kriminal especjalment kollox iried ikun preciz, kif partikularment tindikalna dina l-istess Qorti. Ma jridx jithalla lok ghad-dubji u imprecizjonijiet partikularment propriju fil-partikularitajiet tal-identita` ta` dak illi jkun. Il-kunjom SKODATIS hu miktub hazin u allura b`mod skorett. Dana mhux accettabili. Ma saret, intalbet jew giet ordnata ebda forma ta` korrezzjoni f`dana r-rigward. Mela l-bazi fattwali ta` dawna l-proceduri kriminali kontra l-appellanti hija mankanti ghaliex l-isem tal-appellanti korretament huwa : CHRIST SKOTADIS : K.I. 0296896 M, kif jindika d-Dokument tal-Karta tal-Identita` tar-Rikorrenti hawn mehmuz bhala Dokument XXX1, u mhux SKODATIS kif erronijament imnizzel mill-Probation Officer fir-Rikors promotur taghha tat-3 ta` Gunju, 2022 : vide a fol. 40 A fl-Atti Processwali.

( b ) Dana jfisser illi r-Rikors promotur huwa skorett f`dettal krucjali ghal dawna l-proceduri u allura fuq il-principju illi fil-proceduri kriminali kull dettal iried ikun preciz, konsiderando illi ma kienx hemm ebda talba ghall-korrezzjoni la da parti tal-Qorti, anqas tal-Prosekuzzjoni jew tal-

Probation Officer Bugeja, u meta ma hemmx dubju illi kunjom l-appellanti huwa SKOTADIS U MHUX SKODATIS, u fir-Rikors Promotur kunjom l-appellanti huwa ndikat skorett bhala SKODATIS, allura kif nitghallmu l-beneficcju tad-dubju ghandu jmur favur l-appellanti, fejn fic-cirkustanzi ghandu jigi liberat mill-imputazzjonijiet foloz migjuba fil-konfront tieghu. Dak kien it-Tieni Aggravju.

**C. IT-TIELET AGGRAVJU**

( 1 ) Illi ghall-objettivi ta` dana l-Appell Kriminali quddiem dina `l wisq Onorabbili Qorti, il-pagni li huma rilevanti fl-Atti Processwali ta` dana l-kas huma minn a fol. 39 u 40 A et sequitur fejn sehhew irreverenzi kbar fir-rigward tal-appellanti bhal meta l-appellant ingab il-Qorti, li fissret jum leave ghalxejn ghalih, nhar it-Tnejn, 20 ta` Gunju, 2022, fid-9 a.m., Awla 8, meta l-Qorti gja kienet taf illi l-Probation Officer ma kienitx se tattendi sbatax-il-jum qabel ( vide a fol. 40 A ), u cioe` fit-3 ta` Gunju, 2022, u tat Digriet fid-9 ta` Gunju, 2022, sitt ijiem wara, fejn appuntat id-Denunzja ghat-Tnejn, 20 ta` Gunju, 2022, fid-9 am, meta l-ewwel Qorti kienet ben konxja u ilha taf li fl-20 ta` Gunju, il-Probation Officer ma kienitx se tkun Malta, u dana semplicement biex l-ewwel Qorti tgharraf lid-denunzjat illi l-kas kontra tieghu kien se jigi ddiferit ghall-5 ta` Lulju, 2022, fl-10.30 ta` filghodu !! Inhlilu jum leave intortament u ma giex trattat bid-dinjita` li kulhadd jippretendi li jisthoqlu !!

( 2 ) Illi dina l-Qorti tghallimna illi dejjem ghandha tingab l-aqwa prova biex akkuza tkun sostennibli fl-inkwadratura tal-ligi : dana ma sarx fir-rigward tad-denunzjat, anzi l-kas gie purament determinat u deciz minn dak li xehdet il-Probation Officer biss, l-unika persuna li ddeponit, li ma gabet ebda dokumentazzjoni biex tipproduci lill-Qorti bhala provi in sostenn ta`

dak li kienet qedha tiddeponi, u fejn ( bl-approvazzjoni ta` l-ewwel Qorti ), irrifjutat li tghaddi lid-denunzjat tramite l-Avukat li kien jirrapprezentah, provi dokumentati u awtentici jew ittella` xhieda biex jissostanzjaw dak illi l-Probation Officer kienet qedha tghid kontra d-denunzjat meta l-istess kien qed jichad dana kollu : vide per ezempju r-Rapport a fol. 39 u 40 datat 28 ta` Mejju, 2020. fejn hemm Rapport mija fil-mija pozittiv fir-rigward tad-Denunzjat li jberfel imbaghad lil dak li jkun b` dak li seta` sehh wara biex il-Probation Officer filli ma ghamlet xejn ghal ferm iktar minn sentejn, imbaghad bhall-ehha ta` berqa, f `daqqa wahda ssottometit Rikors ftit jiem qabel il -Probation Period kien sejjer jintemm fejn totalment hamget lid-deninzjat u rrifjutat, jerga` jigi mtenni bl-approvazzjoni tal-ewwel Qorti, li tforni evidenza dokumentata u awtentikata biex tikkonferma l-allegazzjonijiet li kienet qedha tghamel kontra SKOTADIS, ghax kull ma tennit Bugeja ma kienux fic-cirkustanzi xejn iktar minn allegazzjonijiet, meta L-AQWA PROVA kienet mehtiega, kif zgur tinsisti fuqha dina `l wisq Onorabbili Qorti tal-Appelli Kriminali.

( 3 ) Illi bhala llustrazzjoni, issier riferenza ghad-deposizzjoni bil-gurament tal-Probation Officer tal-5 ta` Lulju, 2022, a fol. 43 et sequitur. ESSENZJALI li jigi osservat illi fi tmiem ta` dik l-udjenza, l-ewwel Qorti tramite il-Magistrat sedenti ordnat `` li f`dan l-istadju l-probationer jinghata appuntament mal-Probation Officer tieghu sabiex jaghti kampjun u dan qabel il-15 ta` Lulju, 2022, u qieghda thalli d-denunzja sabiex hija tigi infurmata dwar l-ezitu ta` dan l-appuntament u sabiex jekk ikun il-kaz tipprovdi dwar id-denunzja ghat-28 ta` Lulju, 2022, fid 0900 a.m. ``. Dana meta l-perijodu tal-Probation kellu jintemm fil-15 ta` Lulju, 2022. Mela l pregudizzju tal-Probation Officer diga` kien lahaq l-ewwel objettiv tieghu, u cioe` li d-denunzjat jibqa` taht u mhux jinheles mill-Probation Order skont kif originarjament kienet inghatat.

( 4 ) Illi d-Digriet tal-ewwel Qorti ndikat fil-paragrafu precedenti kellu zgur ifisser ghall-Probation Officer li dina ta` l-ahhar thejji lilha nnifisha professjonalment u skond il-Ligi Proceduralі biex meta dina tigi ghall-udjenza li kienet sejra segwi, tigi armata bid-dokumentazzjoni kollha tal-kas halli jigi vverifikat dak li jkun qed jigi mtenni minna taht gurament, kif suppost dejjem kellu jsir, kieku dina l-Probation Officer riedet tkun tabilhaqq professjonali f` hidmita. Sfortunarament mhux talli dana ma ssehx, izda talli fit-28 ta` Lulju, 2022, a fol. 49 et sequitur, regghet xehdet bil-Gurament Annablle Bugeja, fejn id-Deposizzjoni taghha giet biss sospiza u mhux mghaluqa kif suppost, fejn dak kollu li ddeponit kien biss detto del detto, ammess mill-istess Probation Officer bil-konjizzjoni tal-ewwel Qorti, u l-Qorti ddegretat illi l-istess Qorti kienet se tipprovdi definitivament dwar id-denunzja fl-udjenza tat-12 ta` Settembru, 2022, fid-9.30 ta` filghodu, meta l-Probation Officer ma kienitx ghalqet id-deposizzjoni taghha u wisq anqas tat opportunita` lid-denunzjat biex jghati l-verzjoni tieghu tal-fatti u ezatt x`gara. Dana meta kien ovvju li l-Probation Officer kienet decizament pregudikata kontra l-istess probationer u kisret u ma osservatx il-Procedura ta` kif jitmexxew il-kawzi, specjalment l -istrettezza fil-Proceduri Kriminali! Il-Prosekuzzjoni per ezempju lanqas biss fethet halqa tant ma kienx hemm xi tghid fir-rigward tad-denunzjat !!

( 5 ) Illi jekk niflu s-sentenza tal-ewwel Qorti li qedha tigi hawn appellata, dik tal-15 ta` Settembru, 2022, it-tieni pagna minn wara `` Ikkunsidrat `` sat-tielet pagna qabel `` Ikkunsidrat ``, naraw mill-ewwel kemm kien ta` htiega li tigi pprezentata l-AQWA PROVA, billi in effetto ma rrizulta ebda test pozittiv fir-rigward tal-appellanti Christ ghadtilli l-Probation Officer, ppregudikata kontra Skotadis, ippruvat bla dubju biex tirregistra test

pozittiv, izda la l-appellanti kien qed jastjeni milli jiehu xi forma ta` droga, allura ma setax ikun hemm testijiet pozittivi, izda bilfors kollha negattivi, kif irrizulta f` kull kas. Ghalhekk kien mehtieg li jingabu l-print outs awtentikati ta` dawna t-testijiet u r-Rapporti ufficjali ta` dak li kien qed jigi rregistrat biex ma jinholoqx ebda suspett u / jew dubbji, kif ippruvat tghamel il-Probation Officer kontra l-appellanti. L-ewwel Qorti strahet hafna fuq dak li tennit il-Probation Officer minkejja li Bugeja rrifjutat li tghaddi tgharif irregistrat u notamenti dwar il-kaz : kwindi l-AQWA PROVA ma ngibitx. Allura l-appellanti kellu jinheles mill-inkubu tal-Probation Order, billi kieku l-ewwel Qorti ma kellix id-dubji taghha ukoll, u cioe li tabilhaqq l-appellanti ma kienx qed josserva d-Direttivi li lilu nghataw tul il -Probation Period, ma hemmx dubju li l-appellanti kien jintbghat il-habs, izda l-ewwel Qorti ndikat li hija ukoll kellha d-dubji taghha dwar l-allegazzjonijiet li kienet qedha tghamel il-Probation Officer minghajr ma din ma tesebixxi d-dokumentazzjoni vertjera li ma jhallux ebda dubju dwar dawna l-allegazzjonijiet, transparenza li l-Probation Officer deliberatament irrifjutat li tforni !!

( 6 ) Illi dina l-Onorabbili Qorti tal-Appelli Kriminali meta tifli d-depozizzjoni ta` Annabelle Bugeja tal-5 ta` Lulju, 2022, a fol. 44 sa a fol. 48, hames pagni, mill-ewwel tassorbi, specjalment mid-Domandi ta` Dr Emmy Bezzina a fol. 46 et sequitur, li l-AQWA PROVA ma ngibitx billi l-Probation Officer ma rieditx tikkoopera halli l-Gustizzja minghajr l-icken dubju tidher li qeda ssir, kif huwa imperattiv fil-kriminal u fejn jekk ikun hemm dubju, dana ghandu jmur favur l-akkuzat, id-denunzjat f`dana l-kas. Ma jistax l-appellanti jibqa` jinzamm taht Probation Order fejn allura l-libertajiet fundamentali tieghu qedghin jigu kostituzzjonalment miksura, inkluz dawk taht il-Kapitlu 319 tal-Ligijiet ta` Malta, semplicement fuq deposizzjoni tal-Probation Officer meta dina l-mara

uriet bic-car li jew ma zammitx rekords kif professjonalment kienet obligata li taghmel, inkella ma tieditx tikkoopera biex zgur ma johrogx il-fatt li minn dak li kienet qedha tghid ma kien hemm xejn vertjier, billi l-appellanti dejjem ikkoopera u meta ma setax, kien hemm raguni ghal dana, billi jekk per ezempju l-appellanti kien xoghol, ma jistax jaqbad u jitlaq mix-xoghol ghax il-Probation Officer hekk kien jidhrila li huwa komdu ghaliha: l-appellanti ma kienx xi prigunier tal-Probation Officer jew ad dispozizzjoni taghha x`hin u meta riedet-ghalhekk Bugeja ma rieditx tesebixxi n-Notamenti / Rapporti / Dokumentazzjoni taghha, billi ma xtaqitx illi l-verita` tfegg u xxejjen kompletament dak li kienet qeda tallega kontra Skotadis.

( 7 ) Illi l-ewwel Qorti sfortunatament tat is-support taghha lil dawna l-allegazzjonijiet ta` Bugeja meta ripetutivament qabel mal-Probation Officer li d-denunzjat ma kienx hemm htiega li jara d-Dokumentazzjoni dwaru, meta skond il-principji tat-transparenza fil-gudizzju, dana mhux il-kaz. Ghalhekk l-AQWA PROVA baqghet mankanti u l-Appellanti ghandu jinheles mill-ombra ta` dina l-Probation Order billi ma kiser ebda direttivi jew ma mar kontra l-ebda ordni stante li l-aqwa prova ma saritx: IN DUBIO PRO REO !! Id-Depozizzjoni kollha tal-5 ta` Lulju, 2022, dawna l-hames pagni, jindikaw car illi l-appellanti mhux biss ma kien hati ta` xejn, izda l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet li ma kienux ibbazati fuq l-ebda evidenza dokumentarja, u allura ghal kull buon fin, dina d-depozizzjoni ghandha fil-verita` tigi skartata ghall-finijiet ta` gudizzju definittiv kontra l-appellanti SKOTADIS. L-AQWA PROVA ma saritx : sic et semplicer.

( 8 ) Dina `l wisq Onorabbili Qorti tal-Appelli Kriminali tiggwidana f`diversi sentenzi li nghataw illi fi Proceduri Kriminali l-precizjoni hija essenzjalissima u kull dubju ghandu jigi nterpretat favur l-appellanti.

**D. IR-RABA' AGGRAVJU**

( 1 ) Dana r-Rabgha Aggravju jiffoka fuq l-udjenza fil-Qorti tat-28 ta` Lulju, 2022, meta minkejja li d-Deposizzjoni tal-Probation Officer kienet giet biss sospiza, l-ewwel Qorti xorta ddegretat illi `` Id-denunzja qed tigi differita ghat-12 ta` Settembru, 2022, fid-9.30am sabiex il-Qorti tipprovdi definitivament dwar id-denunzja ``, ghax qieset illi d-denunzjat ma kienx hemm ghalfejn jghati taht gurament r-reazzjoni tieghu ghall-inesatezzi grossolani li ghogobha tiddeponi bil-gurament dina Annabelle Bugeja. Dana ezempju car kemm il-gustizzja f`dina d-denunzja apertament dehret illi ma kienitx qedha ssir u sahansitra meta d-deposizzjoni tal-Probation Officer ma kienitx mghaluqa izda biss sospiza, kif ivverbalizzat l-istess l-ewwel Qorti.

( 2 ) Imma l-gwaj legali abbinat ma` dana r-Rabgha Aggravju huwa li kif inhuwa ben saput, u minghajr l-icken dubju mgharuf sewwa mill-ewwel Qorti kif kienet ippreseduta, huwa l-fatt sagrosant fil-procedura legali li min jiddeponi jew jissottometti xi Affidavit, iried itenni dak li jkun jaf huwa jew hija jew huma DI SCIENTIA PROPRIA: jekk dana ma jsirx, u jkun assolutament ovvju li dana ma jkunx sar, anzi amess mill-istess persuna li tkun iddeponit li dak li gie mistqarr bil-gurament ma kienx hiereg minn fatti li kien proprju, personalment mgharuf mid-deponenti, dak li jkun intqal ghandu jigi skartat ghax ikun DETTO DEL DETTO. Dana zgur li tghallimulna dina l-istess Onorabbili Qorti.

( 3 ) Hekk sehh fl-udjenza tat-12 ta` Settembru, 2022, is-seduta li segwit dik tat-28 ta` Lulju, 2022, fejn regghet ghal darb`ohra ddeponit il-Probation Officer BISS kull ma tennit TAHT GURAMENT kien, kif amess minnha stess, Detto del Detto, u ghalhekk ghandu jigi skartat bhala legalment mhux amissibbili u fattwalment bhala mhux accettabili. Dana l-fatt ingab ukoll ghall-attenzjoni tal-ewwel Qorti li pero` ppermettit lil Annabelle Bugeja biex tkompli tiddeponi fuq fatti li l-Probation Officer amettit ma kienitx tafu hija *di scientia propria.* Vide a fol. 52 et sequitur tal-Atti Processwali f`dina d-Denunzja. Il-hin kollu pero` nosservaw it-tingiza kemm kienet pregudikata l -Probation Officer kontra dana Christ Skotadis, li akkost ta` kollox riedet itelliflu kull forma ra` kredibilita` u dana meta l-istess Annabelle Bugeja kkonfermat fl -udjenza tat-28 ta` Lulju, 2022, illi t-testijiet li jsieru mhux dejjem jirregistraw korretament : vide a fol. 50 u 51 tal-Atti processwali. Min jaf ghalxiex dana l-attegjament antagonist ( li ma kienx ezistenti fil-bidu tal-Probation Order ) da parti ta` Annabelle Bugeja ghal dana z-zaghzugh Christ Skotadis illum ta` 26 sena?

( 4 ) Mela dana r-Rabgha Aggravju jiffoka fuq l-udjenza tat -12 ta` Settembru fejn dak kollu li gie mtenni mill-Probation Officer ghandu jigi regettat ghax huwa *detto del detto* u ghalhekk mhux amissibli bhala evidenza legalment valida, kif amettit jerga` jinkiteb l-istess Probation Officer.

**E. IL-HAMES AGGRAVJU**

( I ) Illi f`dawna l-proceduri dwar dina d-Denunzja kontra CHRIST SKOTADIS li llum huwa impjegat bhala Security Officer, jirresjedi ma` ommu f` Santa Vennera, ghandu 26 sena, qed jghix b`mod responsabbili u dekoruz, partikularment qed joqghod `l boghod ferm mid-Droga, gew bhal sajjeta fil-bnazzi ghall-appellanti, billi ma kienx hemm

gustifikazzjoni la fattwali, anqas legali ghalihom, imma ntizi biss biex jghamlulu l-hsara u biex il-Probation Order ma tintemmx, skond kif suppost kellu jsehh fil-15 ta` Lulju, 2022, izda ma sehhx !! Illi dana l-fatt waqqa` lill-appellanti f`niket kbir u minhabba l-ingustizzja li saritlu, ma kellux triq ohra ghajr illi jappella s-sentenza tal-15 ta` Settembru, 2022, mghotija f`Awla 16, kif indikat hawn fuq.

( II ) Illi b`kollox f`dina d-Denunzja sehhew HAMES udjenzi bejn l-20 ta` Gunju, 2022 u l-15 ta` Settembru, 2022, perijodu ta` kwazi xahrejn u nofs, l-ewwel udjenza ma sar xejn ghax il-Probation Officer kienet imsiefra u kellu jbghati jum `leave` ghalxejn l-appellanti meta dana seta` gie facilment evitat ghar-ragunijiet mghotija. L-ahhar udjenza kienet dedikata ghas-sentenza ta` hames pagni li minnha qed jigi nterponut dana l-Appell odjern. It-tlett udjenzi l-ohra hadithom il-Probation Officer fejn fl-ahhar udjenza ma qalek xejn di scientia proprija ghax kienet kollha kemm hi ` hearsay` [ ghalhekk udjenza ohra mohlija billi legalment hija nvalida ], u r-rimanenti tnejn kienu stqarrijiet ta` Annabelle Bugeja mibnija fuq allegazzjonijiet li ma gewx sostanzjati b`dokumentazzjoni awtentikati, rapporti ta` esperti fil-materja, apparti mir-rifjut espress da parti tal-Probation Officer milli tipproduci Noti li kkonsultat waqt id-deposizzjonijiet taghha minghajr ma hallit id-Difiza tarhom, u minghajr insistenza da parti tal-ewwel Qorti biex dawna jigu esebiti, kif proceduralment kien mehtieg, u kif tghallimna l-Ligi u dina l-Onorabbili Qorti. B`hekk dawna l-proceduri kontra l-appellanti saru kontra l-Procedura Legali ta` kif jitmexxew kawzi f`kazijiet kriminali, u ghalhekk huma nulli u invalidi, u per konsegwenza dina l-Qorti tal-Appell qed tigi mitluba biex tiddikjara nulla u invalida s-Sentenza tal-15 ta` Settembru, 2022, mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ( Malta ) kif hawn imfisser.

( III ) Illi dana ghaliex, minbarra dak li qed jigi spjegat, meta niflu l-kontenut tas-sentenza hawn appellata, mill-ewwel nintebhu li l-ewwel Qorti strahet eskluzivament fuq l-allegazzjonijiet tal-Probation Officer minghajr ma nsistit li tara dokumentazzjoni awtentikata, rapporti tat-testijiet li saru, semghet lil dawna t-terzi u lid-denunzjat, u ma ordnatx lill-Probation Officer tesebixxi n-Notamenti li kellha f`ideja tul id-deposizzjonijiet, u d-denunzjat gie espressament irrifjutat fl-Awli tul it-tlett udjenzi fejn Bugeja ddeponit, li jara u jigi muri xi forma ta` dokumentazzjoni jew in-notamenti ta` Bugeja kif kellu kull jedd li jitlob u jara, izda t-twegiba arroganti ta` Bugeja kienet illi huma ma jurux notamenti jew dokumenti lil terzi, qiesu l-Avukat difensur tad-denunzjat kien xi terz !!

( IV ) Illi, ghaldaqstant, s-Sentenza ta` l-ewwel Qorti kienet mibnija fuq proceduri li ma sarux in konformita` tal-ligi procedurali ta` kif jitmexxew il-kawzi, kif gie spjegat, u per konsegwenza l-asserzjonijiet tal-ewwel Qorti jirrizultaw ukoll li ma humix in konformi mal-ligi u b`hekk minghajr ebda validita`. Illi l-ewwel Qorti kkonfermat dana hija stess fis-sentenza taghha li qedha tigi appellata odjernament: vide per ezempju r-rabgha pagna tas-Sentenza appellata, fejn l-ewwel Qorti qed timplika li dak li tennit il-Probation Officer ma jistax jitqies *ut sic* bhala li ma tistax tikkontestah jew tiddubitah. Illi certament dan mhux l-aqwa prova li a bazi taghha nistghu niggudikaw jekk il-Probationer mar jew ma marx kontra l-Probation Order.

( V ) Illi dwar il-preokkupazzjoni tal-ewwel Qorti fir-rabgha pagna tas-sentenza appellata ( stante li la l-pagni u anqas il-paragrafi ma huma enumerati kif suppost ghall-objettivi ta` praticita`, referenza u precizjoni ), il-Qorti ma ghandix ghalfejn tkun mhassba ghax il-Probation Officer ma pprezentatx ebda dokumentazzjoni awtentikata jew xi forma ta`

notamenti ohra biex jispjegaw l-allegazzjonijiet li ghamlet l-istess Probation Officer fir-rigward tal-Probationer Christ. Annabelle Bugeja uriet kemm ma hijix professjonali f`hidmita u gialadarba dak li tennit ma ssostenjatux, allura kull ma ddeponit b`mod dilentattesk Bugeja, ma ghandux ikollu ebda bazi ta` serjeta` jew kredibilita` fil-ligi u wisq anqas biex tikkastiga lil xi hadd, bhal ma pprovat twettaq f`dana l-kas.

( VI ) Illi, ghalhekk, b`kull rispett u qima, l-ewwel Qorti serjament zbaljat billi strahet u qaghdet litteralment fuq dak li qalet il-Probation Officer meta dina ta` l-ahhar ma ipprocudietx anzi rrifjutat li tipproduci dokumentazzjoni awtentika jew in-Notamenti personali taghha li kkonsultat waqt li qedha tiddeponi f`kull udjenza jew li gabet xi fehmit ta` terzi jew li tellghet lil terzi li skond il-Probation Officer kienu involuti f`dana l-kas kontra l-Probationer ( are per ezempju s-Sessjoni fil-Qorti tat-12 ta` Settembru li kienet kollha kemm hi *detto del detto* U KWINDI MHIX AMESSIBLI BHALA XHIEDA LEGALMENT SODA U KREDIBBLI ). Ma setatx il-Qorti allura tippronunzja `` *Ghalhekk jehtieg li jittiehdu mizuri differenti biex jigi assigurat li l-probationer ma jergax jaqa` fil-vizzju tad-droga u jerga` jingibed fil-vortex tal-kriminalita`* ``, kif naqraw fil-qiegh tar-rabgha pagna tas-sentenza appellata.

( VII ) Illi wiehed japprezza l-hsiebijiet tal-ewwel Qorti fl-interess tal-probationer, imma l-Qorti ma tistax tiehu decizjonijiet li jaffetwaw il-libertajiet fundamentali ta` Skotadis semplicement fuq allegazzjonijiet mhux dokumentati u ppruvati *beyond reasonable doubt* tal-Probation Officer u zzomm lill-appellanti ``kkarcerat `` taht Probation Order ghal tlett snin ohra, sakemm jghalaq id-29 sena. Ma ngabet ebda prova assiguranti li l-appellanti ha xi forma ta` droga. Dana kkonkluditu l-ewwel Qorti stess, u allura l-Probationer kellu jinheles mill-Probation Order fi

tmiem it-terminu taghha, u cioe` nhar il-15 ta` Lulju, 2022, mhux kif sar permezz ta` dina s-sentenza appellata li giet msejsa fuq dak li qalet il-Probation Officer li uriet bic-car li ma temminx fit-transparenza tal-gustizzja billi ma rieditx tikkoopera u jgieb l-aqwa prova, kif tesigi l-Ligi specjalment fil-Kriminal.

( VIII ) L-appellanti ghandu kull rispett lejn il-Ligi, lejn il-Qrati u lejn l-osservanza tad-decizjonijiet taghhom, imma mhux li jitlef il-liberta` tieghu semplicement ghax il-Probation Officer wara li ghal sentejn u fuqhom ma ghamlet xejn, fl-ahhar biex tiggustifika l-impjieg taghha, ivvintat Rikors fit-3 ta` Ginju 2022 b`hafna allegazzjonijiet mhux sostanzjati ghajr bil-kelma pregudikata taghha stess, fejn l-ewwel Qorti deprivata mill-aqwa prova ta` assigurazzjoni minghajr l-icken dubju, qaghdet fuq dak li qalet Annabelle Bugeja u estendit ( ghax dak li in effetto sehh minkejja li l-ewwel Qorti ndikat mod iehor ) il-Probation Order minghajr gustifikazzjoni legali u dokumentata ghal tlett snin ohra, bi twissijiet lill-appellanti li ma kienx hemm bazi logika u vertiera ghalihom izda taht l-umbrella li l-Qorti riedet tipprotegi lill-appellanti : jew kien hati jew le u provi li kien hati ma ngabux izda biss dak li rrizulta kien illi l-Probation Officer stenbhet minn nghasa li hadet tul l-ewwel Probation Period u riedet turi li wetqet xi haga sussegwentament u wehel bl-allegazzjonijiet taghha l-appellanti. Dana certament mhux dak li tfisser li l-Gustizzja trid tidher li qedha ssir, mhux hekk?

( IX ) Illi fic-cirkustanzi, il-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti ma ghandhomx bazi legali soda u transparenti li ma thalli ebda dubju li l-appellanti kien tabilhaq hati, u ghalhekk l-appellanti ma setax fic-cirkustanzi kif inkwadrati jinstab hati fuq il-bazi tas-sentenza tal-15 ta` Lulju, 2019, u li b`referenza ghaliha saret Probation Order `` gdida `` ghal tlett snin ohra

fejn b`hekk l-appellanti gie psikologikament mill-gdid ufficjalment `` ikkarcerat ``. Dana kien il-Hamies Aggravju.

**F. IS-SITT AGGRAVJU**

( i ) Is-Sitt u l-Ahhar Aggravju jirrigwarda l-Konkluzjoni definittiva fis-Sentenza ta` l-ewwel Qorti li zgur fic-cirkustanzi kif elenkati f`dana r-Rikors ta` l-Appell ma jirrispekkjawx il-principji fundamentali li l-Gustizzja trid tidher li qedha ssir, permezz tal-aqwa prova u li ma jithalla ebda dubju li dak li jigi deciz fir-rigward ta` persuna akkuzata, ikun tabilhaqq hekk. Nistghu b`kuxjenza nadifa niddikjaraw illi dana kien il-kas f`dina s-sentenza? It -twegiba hija decisament fin-negattiv u allura dina s-sentenza tal-15 ta` Settembru, 2022, ghandha titqies bhala nulla u invalida, ineffettiva u mhux enforzabbili. Ghalhekk dina s-sentenza ghandha tigi revokata u mhassra, bl-ewwel Ptobation Order definitivament mitmuma, u l-appellanti jithalla jghix hajtu bhala cittadin risponsabbili u serv fidil tal-Ligi, kif effettivament kien f`dawna l-ahhar snin. Hekk Alla jghinu.

13. Illi dawk mela kienu r-RAGUNIJIET ta` dana l-APPELL KRIMINALI u t-tifsira fil-qosor tas-Sitt Aggravji sottomessi.

**Ikkunsidrat,**

Rat l-ammissjoni registrata mill-appellant u dan fl-ewwel opportunita moghtija lilu u cioe mal-prezentata nhar il-4 ta' Gunju 2019. Rat li f'din is-seduta il-Qorti tal-Magistrati tatu bizzejjed hin sabiex jikkonsidra l-ammissjoni tieghu pero cio nonostante dehrlu li ghandu jibqa jinsisti fuq l-ammissjoni tieghu. Dr. Leonard Caruana l-allura avukat difensur tal-appellant talab f'din l-istess seduta sabiex jigi nominat ufficcjal tal-probation sabiex ihejji pre-sentencing report. Seduta

stante dik l-ewwel Qorti laqghet it-talba u ordnat li d-digriet taghha jigi notifikat lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole biex jigi nominat il-kandidat idoneju.

Illi nhar it-12 ta' Gunju, 2019 is-senior probation officer Antonella Debono pprezentat nota fl-atti tal-kawza sabiex tinforma lill-Qorti li kienet giet nominata l-ufficcjal tal-probation Anabelle Bugeja sabiex thejji r-rapport taghha.

Rat ix-xhieda tal-15 ta' Lulju 2019 moghtija mill-ufficcjal tal-probation Anabelle Bugeja fejn esebiet il-pre-sentencing report taghha li gie markat bhala dok AB1. Hija tkelmet mal-vittma u dan ma kien jaf xejn dwar dawn il-procedura peress li sentejn qabel kien tressaq persuna ohra Shaylon Abela akkuzat bir-reati moghtija fil-konfront tal-appellant. Il-vittma kien urtat ghaliex is-sentenza kienet giet moghtija fil-konfront Shaylon Abela u dan gie kkundannat ihallas kumpens lilu izda dan ma kienx sehh. Ghalhekk il-vittma xtaq li jinghata kumpens minghand l-appellant odjern. Hija kienet qed issegwi lill-appellant fuq Ordni ta' Trattament li kienet inghatat ghall-perijodu ta' sentejn u dan wara li kien instab hati ta' traffikar ta' drogi. Kien inghata sentenza ta' prigunerija u annessa ma dik is-sentenza kien hemm din l-Ordni ta' trattament liema trattament kellu jkun psikologiku jew psikjattriku. Dawk is-sentejn kienu ghadhom ghaddejjin izda l-appellant kien lahaq hareg mill-habs u kien qed jipprova jirrintegra ruhu fis-socjeta. Jidher li l-appellant kellu t-trobbija tieghu fi hdan istituzzjonijiet u dam hemm sakemm ghalaq tmintax-il sena. Tkelmet ukoll ma Father Charles Said li kien responsabbli tal-appellant. Dan qallha li sakemm l-appellant dam fl-istituzzjonijiet ta' St Patricks dejjem kien edukat, kien tifel li ma tax problemi u li ma kellhomx inkwiet bih. Izda meta ghalaq it-tmintax-il sena rega mar jghix ma ommu u hemmhekk rega beda jghamilha ma kumpanija li ma kienitx tajba ghalih ghaliex ma tatux influwenza posittiva. Minn hemmhekk beda l-abbuz ta' droga

u bdew anke l-kazijiet kriminali fosthom  dan odjern u dak fejn wehel il-habs minhabba traffikar ta' droga.

Jidher li s-sentenza ta' habs swiet ta' gid ghalih. Minn hemmhekk bdiet issegwih social worker bl-isem ta' Jessica Gauci. Sar hafna xoghol min naha tal-habs. Illum Christ ghandu impieg u l-interview sar il-habs stess. Tax-xoghol jafu bis-sitwazzjoni ta' Christ u qed jiehdu pacenzja bih u ituh support kbir. Issa anke qed imur fid-dipartiment biex tigi onorata l-Ordni ta' Trattament. Kemm dam il-habs dejjem instab negattiv ghall-presenza ta' sustanza ta' droga Eroina, Kokaina u Cannabis. Anke barra mill-habs mit-testijiet li sarulu dawn taw rizultat negattiv ghall-prezenza ta' droga.

Ghalhekk fid-dawl ta' din l-informazzjoni gie rakkomandat lil dik il-Qorti  tajjeb li din il-motivazzjoni tigi rakkomandata lil din il-Qorti li Chris jinghata Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kap 466 tal-ligijiet ta' Malta waqt li l-Ordni ta' Supervizzjoni ghandu ikun dak massimu permess mill-ligi u cioe ta' tlett snin. Illum il-gurnata qed jahdem bhala *store keeper* mal-kumpanija Nexus. Fil-prezent kien jinsab taht kontrol u ghalhekk l-ufficcjal tal-probation ma hassx li kien hemm bzonn li l-appellant jghamel programm sabiex jindirizza il-vizju li kellu. Pero jekk l-ufficcjal tal-probation ihoss il-bzonn fi stadju ulterjuri dan seta isir dak iz-zmien.

Rat in-nota tal-ufficcjal tal-probation Ivan Sultana li permezz taghha informa lil Qorti li l-ufficcjal tal-probation Anabelle Bugeja giet nominata biex issegwi lill-appellant.

Rat ir-rapport tal-ufficcjal tal-probation Anabelle Bugeja prezentat fl-atti ta' din il-kawza nhar it-28 ta' Mejju 2020 li biha informa lil Qorti li l-appellant zamm kuntatt regolari mad-dipartiment u attenda ghas-sessjonijiet li gew fissati.  L-

imsemmi dejjem zamm il-kuntatt mistenni mill-ufficcjal tal-Probation. Chris kien qed jghix ma ommu fir-residenza taghha Santa Venera. Jista jinghad li hu persuna responsabbli u jiehu hsieb il-bzonnijiet tal-familja. Fil-prezent kien jinsab ukoll fi relazzjoni, liema relazzjoni hija wahda stabbli. Jidher li Christ m'ghadx ghandu relazzjoni socjali ma terzi salv ma sihbitu dan minhabba il-fatt li skont hu shabu huma involuti fil-hajja kriminogenika li kien jadatta u ghalhekk ma baqax fil-kutatt maghhom. Huwa kien impjegat ma socjeta privata izda minhabba s-sitwazzjoni ekonomika relatat mal- virus Covid 19 kien gie terminat l-impieg tieghu. Pero appena ikun hemm titjib fis-sitwazzjoni huwa kellu jiehu lura l-impieg tieghu peress li kien jahdem b'mod sodisfacenti.

Rigward il-vizzju ta' droga jidher li dan ma baqax problema ghalih. Dan gie verifikat minn numru ta' testijiet li ttiehdu ta' l-awrina tieghu li kollha taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga Kokaina, Eroina u Cannabis. Christ jinsab segwit min psikjatara Dr. Joseph Spiteri sabiex isegwi l-Ordni ta' Trattament izda ma inghata l-ebda medicina stante li ma kienx hemm bzonn. Jinsab ukoll qed isegwi l-Adoloscent Day Programme fi hdan l-Agenzija Appogg. Il-professjonisti jahdmu biex jissapportjaw ir-re-integrazzjoni tal-imsemmi lura fis-socjeta.

Rat ir-rikors ta' denunzja prezentat fir-registru ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati nhar it-13 ta' Gunju 2022 fejn l-ufficcjal tal-probation informa lil Qorti li l-probationer naqas li izomm kuntatt maghha skond id-direttivi moghtija lilu u naqas li jipprovdi kampjun tal-awrina mehtiga sabiex jigi sorveljat il-vizzju ta' tehid ta' droga.

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti fejn ordnat notifika ta' dan ir-rikors lill-Kummissarju tal-pulizija sabiex il-probationer jidher quddiemha.

Rat illi nhar il-5 ta' Lulju 2022 il-probationer inghata appuntament mal-probationer tieghu sabiex jiehu kampjun tal-awrina tieghu.

Illi nhar il-5 ta' Lulju 2022 dehret il-Probation Officer **Annabelle Bugeja** u stqarret li dan ir-rikors gie intavolat xahrejn biss qabel ma l-appellant ittermina l-ordni. Inhass il-bzonn li tigi registrata din id-denunzja minhabba li fil-passat is-sur Skodatis kellu problema akuta ta' Kokaina liema problema anke waslet sabiex inghata sentenza ta' prigunerija. Kien inghata ukoll Ordni ta' Trattament u kien hemm meta bdiet issegwih hi. Eventwalment inghata Ordni ta' Probation minn dik l-Qorti tal-Magistrati u bdiet issegwih hi. L-andament tas-sur Skodatis wara li hareg mill-habs kien wiehed tajjeb hafna. Qalet li anke kien jattendi ghas-sessjonijiet mal-psikjatra izda waqaf jghamel dan meta spicca l-Ordni ta' Trattament. Kellu anke impieg. Izda f'Settembru 2019 iinstab posittiv ghall-presenza tad-droga Kokaina. Dan kien spjega li kien hareg ma xi hbieb li kellu fuq ix-xoghol u ingarr mal-kurrent.

Kien rega issejjah biex jghati kampjun iehor fis-6 ta' Ottubru 2019 li ukoll ta' rizultat posittiv ghall-presenza tad-droga Kokaina. Eventwalment ittiehdu zewg kampjuni tal-awrina ohra wiehed nhar id-29 ta' Ottubru, 2019 u l-iehor nhar il-15 ta' Dicembru, 2019 u dawn taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga. Izda minn dakinhar l-attendenza tieghu ma baqghitx stabbli. Beda ifalli hafna appuntamenti beda jghid li gieli kien ikun ma jiflahx u gieli kien imur id-dar u isib xi haga u ma jkunx jista jattendi, u ghalhekk kien jipposponi hafna. Kien hemm drabi fejn attenda izda tant kien jilghab bl-appuntamenti li kienet qed tkun difficli hafna ghaliha biex tiehu l-kampjun tal-awrina u dan biex tassigura li verament kien qed izomm 'l boghod mit-tehid tad-droga. Fis-16 ta' Meju, 2022 irnexxilha tirregistra appuntament u dakinhar kellu ikun hemm in-nurse izda deher imfixkel. Tatu appuntament ghal darb ohra u talbitu jipprovdi kamjun tal-awrina. Beda jghid li ma setax jipprovdi l-kampjun. Sadanittant kien lahaq

waslilha klijent iehor u dahlet tahdem mieghu u tatu struzzjonijiet biex ihalli kampjun tal-awrina tieghu. Izda dan ma ghamel xejn minn dan u qabad u telaq ‘l hemm. Inghata appuntament iehor ghat-2 ta’ Gunju, 2022 li ma attendhiex u fit-3 ta’ Gunju 2022 li ukoll ma attendhiex u ghalhekk fit-3 ta’ Gunju, 2022 ma kellhiex ghazla ohra salv li tirregistra din id-denunzja.

Fil-prezent stqarret li kien impjegat jahdem bhala *security guard*. Mistoqsi x’riedet tghid biha li l-appellant ma setax jghaddi l-awrina tghid li dakinhar kien ecitat u ma setax jghaddi l-awrina.  Tghid li ikun hemm in-nurse thares lejh waqt li qed jghaddi l-awrina  u dan bhala supervizjoni. Id-denunzja ma saritx minhabba li kien qed jabbuza mid-droga izda ghax ma zammx l-appuntamenti. Qalet li l-probation qeghda hemm flok il-habs u ghalhekk ghandu obbligu li jattendi. Qal li gieli cemplitlu u gieli baghtitlu messagg. Tghid li l-appellant kien ikun jaf bl-appuntamenti  ghax kien iwegibha lura. Minn Dicembru 2021 sa Mejju 2022 kien hemm hafna chaos u ma kienx qed jattendi ghall-laqghat. Din l-ordni tal-probation kienet tghalaq fil-15 ta’ Lulju, 2022. Qalet li kien hemm granet meta kien ikun hemm in-nurse u gew skedati appuntamenti u ma zammhomx.  Gieli kien jghidilha li kien ma jiflahx u gieli qallha li xtaq jibqa’ d-dar. Gieli ma setghetx taghmel appuntament man-nurse ghaliex kien jghidilha li kien ikun xoghol. Huwa ovvju li ikollha *concern* jekk minn Dicembru 2019 sa Mejju 2022 ma marx ghal-laqghat.

Ix-xhud regghet xehdet nhar it-28 ta’ Lulju, 2022 u qalet li mill-ahhar seduta ‘l hemm inghataw tlett appuntamenti. Wiehed fit-12 ta’ Lulju fejn attenda u ta l-kampjun tal-awrina li kien negattiv ghall-presenza ta’ droga Kokaina, Eroina u Cannabis. Inghata appuntament iehor ghal 20 ta’ Lulju, 2022 izda ma attendiex minhabba li sostna li kien sab xoghol. Inghata appuntament iehor ghas-27 ta’ Lulju, 2022 u rega ttiehdet kampjun tal-awrina u  li kien negattiv ghal presenza ta’  Eroina u Cannabis izda posittiv ghad-droga Kokaina.  Chris beda jikkontesta

dan ir-rizultat u jghid li ma kienx minnu ghalhekk il-kampjun intbaghat lil Mater Dei fil-laboratorju sabiex ikun hemm verifika tieghu u kienu ghadhom jistennew ir-rizultat tieghu.

Ix-xhud regghet xehdet nhar it-12 ta' Settembru 2022 u kkonfermat li l-kampjun li ttiehdet nhar is-27 ta' Lulju 2022 u nhar id-29 ta' Settembru 2022 taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga Kokaina, Eroina u Cannabis pero minkejja dan ma hiex konvinta li ma hux qed jabbuza mid-droga. Ir-rizultat tas-27 ta' Lulju, 2022 ta rizultat negattiv b'sbrixx. Dan ghandu *cut off point* ta' 300 ml u r-rizultat wera 298 bhala tracci. Jigifieri ghal 2ml biss hareg negattiv. Rigward it-test tad-29 ta' Settemrbu 2022 dan ittiehed minn persuna ohra u mhux minnha u l-linja li kien hemm kienet cara hafna li ifisser li hija indikazzjoni li xi tip ta' uzu jkun hemm. Hija tkelmet ma Christ u dan qallha li kien ilu ma jabbuza ghal perijodu ta' madwar sitt gimghat. Peress li Skodatis jahdem ma setghetx tibghat ghalih *at random* u ghalhekk dan ifisser li jkun jaf meta ha jghati il-kampjun u ghalhekk ikun jista jghamel ir-regoli tieghu. L-ufficjal tal-probation l-ohra hija Maryrose Farrugia u fil-fatt kienet din l-ufficcjal li hadet it-test tad-29 ta' Settembru 2022 u hija xehdet fuq dak li inghad lilha minnha. Tikkonferma li kull test li hija hadet ta rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga.

Rat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar il-15 ta' Settembru, 2022 fejn dik il-Qorti trattat mill-gdid ma l-akkuzat u wara li ddikjarat li sabitu hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu kkundannatu ghal sittax-il xahar prigunerija izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A ordnat li ma tidholx fis-sehh hlief jekk matul it-tlett snin li isegwu l-appellant ma jikkommettix reati iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Bl-applikazzjoni tal-artikou 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-appellant sabiex jitqiegħed taħt is-supervizjoni tal-ufficcjal tal-probation għaz-żmien kollu tal-perijodu operattiv tas-sentenza.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz quddiemha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant jghid li l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-ahjar prova u dan ghaliex l-ewwel qorti strahet biss fuq dak li qalet l-ufficcjal tal-probation Anabelle Bugeja u ma semghetx il-probation officer Maryrose Farrugia li hadet kampjun tal-awrina tal-appellant Skodatis. L-appellant ghalhekk ihoss li l-ewwel Qorti mxiet hazin u trattat mieghu mill-gdid ghar-reati gja misjuba hati taghhom meta ma kellhiex taghmel hekk stante li fil-fehma tieghu l-appellant fl-ebda hin ma naqas li josserva l-Ordni ta' Probation moghtija fil-konfront tieghu.

Jirrizulta li dan hu appell minn denunzja. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha migbura fil-process u dan sabiex tara jekk verament l-ewwel Qorti ghamlet gudizzju zbaljat u ma imxietx fuq l-ahajr prova. Jinghad li kif stqarret l-ufficcjal tal-probation l-appellant naqas li jattendi ghall-laqghat li gew fissati b'mod ripetut minn Dicembru 2019 sa Mejju 2019 meta dan kellu joqghod ghad-direttivi tal-ufficcjal tal-probation. Illi din id-denunzja ma hiex bazata fuq il-fatt li huwa abbuza mid-droga kif donnu ried ifisser l-avukat difensur tal-appellant u dan ghaliex ir-rizultati tat-testijiet li sehhew taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga minkejja li l-ufficcjal tal-probation ittentat taghti x'tifhem mod iehor. Ghalhekk l-appellant naqas li josserva l-Ordni sempliciment ghaliex ma zammx kuntatt mal-ufficcjal tal-probation. Dan il-fatt irrizulta b'mod car u

univoku u dan minn ezami tax-xhieda moghtija mill-ufficcjal tal-probation Annabelle Bugeja liema xhieda ma giet kontesta minn hadd.

Illi jinghad pero li l-appellant ghandu dsatax-il sena u kellu trobbija difficli tant li trabba fl-istituzzjoni ta' St Patricks. Jidher li waqt li kien ghadu detenut f'din l-istituzzjoni ma kien hemm l-ebda problema dwar il-karattru tieghu tant li skond dak li qal Fr. Charles Said lil-ufficcjali dan qatt ma ikkrejax problemi lilhom. Kien biss meta mar jghix ma ommu li qabad it-triq ta' hajja kriminali u dan ghaliex beda jghamilha ma nies ta' hajja kriminogenika. Pero cio nonostante l-appellant ghad ghandu dsatax-il sena u ghandu impieg stabbli qieghed 'clean' mid-droga u ghalhekk tahseb li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti ta' sittax-il xahar prigunerija hija piena iebsa fic-cirkostanzi.

Rat ukoll il-fedina penali tieghu li hija wahda li ghandha registrat fuqha reati izda ma jistax jinghad li hija wahda rafrettarja hafna.

Ghalhekk thoss li ghandha terga taghti cans iehor lill-appellant u cioe li takkordalu *probation order* ohra u dan ghaliex hija temmen lil-appellant ghamel sforz almenu biex jehles mill-problema tal-vizzju ta' droga.

Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-appell tal-apellant fir-rigward tal-mertu stante li jirrizulta ghas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti li verament l-appellant ma zammx mal-ordnijiet tal-Probation meta ma zammx kuntatt mal-ufficcjali pero qeghda tirrevoka l-piena inflitta u minflok sittax-il xahar prigunerija qeghda tpoggi lill-appellant taht Ordni ta' Probation ohra ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tlett (3) snin skond l-ordni hawn annessa.

Qeghda pero taghti r-rakomandazzjonijiet taghha sabiex id-direttur tal-ufficcju tal-Probation u Parole tinnomina ufficcjal tal-probation differenti minn dik ta' Annabelle Bugeja.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil appellant u x'jigri f'kaz li jonqos li josserva kundizzjoni wahda mill-Ordni tal-Probation.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur

**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 276 / 2019**

**IL-PULIZIJA**

**[Spettur Joseph Mercieca]**

**-Vs-**

**CHRIST SKOTADIS**

**ORDNI TA' PROBATION**

**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

Seduta tallum 22 ta' Novembru 2022

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata **CHRIST SKOTADIS** ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, iben Stylianos u Salvina nee' Magri, imwieled Pieta' nhar il-11 ta' Lulju 1996, u li joqghod nru 135, Triq Brighella, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita li ggib in-numru **296896M** tigi mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' **tlett (3) snin mill-lum**.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

Tordna lil persuna imputata titqieghed taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;

3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;

4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-persuna mputata; u

5. Li l-persuna mputata tkompli isegwi programm ta' rihabilitazzjoni kontra l-abbuz mid-droga.

6. Illi l-persuna imputata ghandha tati kamojun tal-awrina taghha darba fil-gimgha u f'kaz li jkun hemm rizultat wiehed posittiv ghandu jitqies li l-Probationer kiser l-Ordni tal-Probation.

7. Li l-appellant probationer ghandu joqghod ghad-direttivi kollha tal-ufficcjal u f'nuqqas li josserva ordni wahda l-istess ufficcjal ghandha tipprezenta mill-gdid denunzja ohra.

**8.** L-appellant ghandu jaghti kampjun tal-awrina lill-ufficjal tal-probation kull meta jigi hekk mistoqsi bil-ghan li jibqa ghaddej fit-triq 'l boghod mit-tehid ta' drogi.

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services. **Tghati r-rakomandazzjoni taghha li f'dan il-kaz ghandu jigi evitat li jkun hemm l-ufficcjal tal-Probation Maryrose Farrugia li tigi appuntata**

---

……………………………..

……………………………..

Consuelo Scerri Herrera LL D

Imhallef